-Art. 293(d) Kap 12
- abbuż tad-dritt ġudizzjarju b'mandat kawtelatorju
-nuqqas ta' utilita` ekonomika għall-eżekutant
– ħwejjeġ li ma jistgħux jiġu maqbuda
- magni u għodda
– xjenza jew arti tad-debitur -

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 6 TA' DIĊEMBRU 2018**

## Rikors Nru. 712/2011GM

**MARKET HANDLE LIMITED (C49546)**

**vs**

**FAHRENHEIT FREIGHT FORWARDERS CO LIMITED (C17421)**

**ELAINE SANT GALEA (KI 353583M)**

**ALFA COMPANY LIMITED (C5482)**

**Il-Qorti,**

**I. Preliminari**

Rat ir-Rikors Ġuramentat imressaq fil-25 ta' Lulju 2011 minn Market Handle Limited li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

1. l-esponenti kienet topera uffiċċju minn ġewwa Market Handle Building, GF Agius Soldanis Road, Birkirkara u n-negozju tagħha kien illi tagħti servizzi ta' – fost affarijiet oħra – *business consultancy*, *marketing* u reklamar u kienet tispeċjalizza fuq servizzi illi għandhom x'jaqsmu ma' *internet* u *mobiles*;

2. sabiex armat u bdiet topera l-imsemmi uffiċċju għamlet investiment sostanzjali ta' flus u xiri ta' apparat elettroniku u *kompjuters* u kienet timpjega madwar ħmistax-il impjegat fuq bażi *full time*;

3. xtrat u akkwistat diversi oġġetti u affarijiet mobbli meħtieġa għal użu f'uffiċċju fosthom xi għamara ta' l-uffiċċju mingħand il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited;

4. nhar id-29 ta' Ottubru 2010, il-kumpanija Alfa Company Limited talbet u kisbet kontra l-kumpanija esponenti mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1674/2010 fl-ismijiet Alfa Co Ltd vs Market Handle Limited;

5. fl-atti ta' dan il-mandat ta' qbid kawtelatorju, il-kumpanija konvenuta Alfa Co Ltd talbet illi l-kumpanija konvenuta l-oħra Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd tiġi maħtura bħala kunsinnatarju sabiex iżżomm l-oġġetti maqbuda ġewwa l-fond Begonia Stores, Triq il-Pitkali Attard, u b'digriet mogħti minn dina l-Onorabbli

Qorti nhar l-4 ta' Diċembru, 2010 dina t-talba tal-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited ġiet milqugħa;

6. sadanittant u senjament nhar is-16 ta' Novembru 2010, il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited ipproċediet billi ippresentat kawża bil-proċedura tal-giljottina fl-ismijiet Alfa Company limited vs Market Handle Limited bir-rikors maħluf bin-numru 1183/2010/CFS sabiex tikseb il-kanonizzazzjoni tal-kreditu allegatament dovut lilha;

7. nhar is-16 ta' Diċembru 2010, il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited esegwiet il-mandat ta' qbid kawtelatorju surreferit fuq l-oġġetti kollha illi kienu jinstabu fl-uffiċċju operat mill-kumpanija esponenti b'dan illi fuq talba ta' l-istess kumpanija konvenuta Alfa company Limited l-oġġetti maqbuda ma ġewx elevati u tħallew fl-imsemmi uffiċċju;

8. nhar id-19 ta' Jannar 2011, waqt l-ewwel udjenza tal-kawża fl-ismijiet Alfa Company Limited vs Market Handle Limited bir-rikors maħluf bin-numru 1183/2010/CFS permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti, il-kumpanija esponenti giet awtorizzata tikkontesta l-kawża mibdija kontra tagħha skond il-liġi;

9. l-għada stess jiġifieri nhar l-20 ta' Jannar 2011, u evidentement bħala ritaljazzjoni, il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited kisbet l-elevazzjoni ta' l-oġġetti kollha illi kienu ġja ġew maqbuda bil-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1674/2010 fl-ismijiet Alfa Company Limited vs Market Handle Limited u konsegwentement dawn l-oġġetti tqiegħdu taħt il-ħarsien u żamma tajba tal-kunsinnatarju il-kumpanija konvenuta Fahrenhiet Freigħt Forwarders Co Ltd li kellha skond id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti żżomm l-istess oġġetti ġewwa l-fond Begonia Stores, Triq il-Pitkali, Attard;

10. Illi għall-kumpanija konvenuta Fahrenheit Freigħt Forwarders Co Limited iffirmat il-konvenuta Elaine Sant Galea li minn riċerka li għamlet il-kumpanija esponenti mhijiex la direttur, la azzjonista, la segretarja, la rappreżentanta

ġudizzjarja jew legali tal-kumpanija konvenuta Fahrenheit Freigħt Forwarders Co. Limited;

11. għalhekk il-kumpanija konvenuta Fahrenhiet Freigħt Forwarders Co Ltd u Elaine Sant Galea, jew min minnhom, ħadu pussess fiżiku ta' l-oġġetti maqbuda u elevati permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ġja imsemmi u b'hekk – skond il-liġi – assumew, huma jew min minnhom, ir-responsabilita` għall-preservazzjoni xierqa ta' dawn l-oġġetti;

12. b'dan kollu il-kumpanija esponenti ġiet imwaqqfa ħesrem milli topera b'danni inġenti sostanzjali u kien għalhekk u f'tentattiv illi tkun tista terġa tibda bl-operat tagħha illi nhar it-22 ta' Marzu 2011 hija ippresentat ir-rikors bin-numru 293/2011/CFS fl-ismijiet Alfa Company Limited vs Market Handle Limited u senjatament sabiex il-mandat ta' qbid kawtelatorju sufferit jiġi revokat *in parte* peress illi l-oġġetti maqbuda – ad eskluzjoni ta' dawk l-oġġetti mibjugħa mil-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited - kienu meħtieġa għat-tagħlim jew l-eżerċizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur skond ma jiddisponi l-artikolu 293 tal-kap 12 tal-Liġjiet ta' Malta u illi fiċ-ċirkostanzi u anke peress illi l-pretensjoni tal-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited kienet aktar milli kawtelata, ma kienx raġonevoli illi fiċ-ċirkostanzi il-mandat ta' qbid imsemmi jinżamm fis-seħħ fl-intier;

13. sussegwentement tul il-mori tas-smiegħ tal-kawża u tar-rikors imsemmi fil-paragrafu preċedent, waqt l-udjenza ta' nhar l-14 ta' Ġunju 2011, il-kumpanija esponenti u l-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited laħqu ftehim illi l-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited tieħu lura l-oġġetti mibjugħa lil-kumpanija esponenti għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha u tieħu xi għamara oħra sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi minnha filwaqt illi l-appart l-ieħor inkluż dak elettroniku u l-*kompjuters* illi kien fihom informazzjoni vitali għall-operat tal-kumpanija esponenti jittieħdu lura mill-istess kumpanija esponenti;

14. meta r-rappreżentanti tal-kumpanija esponenti u r-rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited marru għand ir-rappreżentanti tal-kumpanija Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited u għand il-konvenuta Elaine Sant

Galea, huma ġew infurmati illi l-oġġetti maqbuda ma inżammewx ġol-fond, Begonia Stores, Triq il-Pitkali, Attard iżda ittieħdu ġewwa *container* ġo sit f'Has Sabtan, Birżebbuġia;

15. meta l-kontendenti marru f'dan is-sit f'Has Sabtan, Birżebbuġia huma sabu is-siġilli tal-*container* maqtugħin u l-oġġetti kollha mobbli illi kellhom jiġu rilaxxati lill-kumpanija esponenti, fosthom l-apparat elettroniku, *kompjuters* u *servers* illi kellhom *databases* ta' informazzjoni vitali għall-operat tal-kumpanija esponenti kienu neqsin jew ġew misruqa filwaqt illi l-oġġetti mobbli illi kellhom jiġu rilaxxati lill-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited  kienu għadhom hemm għalkemm daneġġjati, dwar dan l-akkadut saret wkoll inkjesta maġisterjali;

16. in vista ta' dana kollu, il-kumpanija konvenuta Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited u l-konvenuta l-oħra Elaine Sant Galea, jew minn minnhom, bħala kunsinnatarju illi kienu ħadu l-pussess fiżiku ta' l-oġġetti maqbuda, naqsu milli josservaw l-obbligi imposti fuqhom skond il-liġi u għalhekk huma passibbli għad-danni ikkaġunati lill-kumpanija esponenti u l-imgħaxijiet. Naturalment dawn id-danni għandhom jinkludu, fost affarijiet oħra, mhux biss il-valur ta' l-oġġetti illi ġew nieqsa iżda wkoll il-valur tax-xogħol sabiex inġabret l-informazzjoni kollha kontenuta fuq l-apparat elettroniku u l-*kompjuters* kif wkoll it-telf ta' xogħol u profit. Madanakollu, meta ġew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ikkaġunati lill-kumpanija esponenti, dawn il-konvenuti mhux biss baqgħu inadempjenti iżda saħansitra ċahdu illi b'xi mod huma passibbli għad-danni;

17. anke l-kumpanija konvenuta l-oħra Alfa Company Limited hija responsabbli għad-danni fil-konfront tal-kumpanija esponenti u dana peress illi – fost raġunijiet oħra – hija inkarigat bħala kunsinnatarju persuna mhux ta' ħila u di piu esegwiet mandat ta' qbid kawtelatorju fuq oġġetti mhux suġġetti għal qbid skond il-liġi  u peress illi l-elevazzjoni tal-oġġetti kollha minn ġewwa l-uffiċċju li kienet qegħda topera l-kumpanija esponenti sar b'malizja u bħala manuvra ta' *arm twisting*;

Talbet illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpanija konvenuta Fahrenheit Freiġht Forwarders Co Ltd u l-konvenuta Elaine Sant Galea, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni kollha illi ġew ikkaġunati lill-kumpanija esponenti meta huma naqsu mill-obbligu tagħhom ta' kunsinnatarju għal ħarsien u żamma tajba ta' l-oġġetti maqbuda u elevati;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija esponenti minħabba l-imsemmi aġir tal-kumpanija konvenuta u l-konvenuta Elaine Sant Galea;

3. tikkundanna lill-imsemmija kumpanija konvenuta u lill-konvenuta Elaine Sant Galea iħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma l-imgħaxijiet legali, fuq l-istess, lill-kumpanija esponenti;

4. tiddikjara u tiddeċiedi illi bil-ħruġ tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1674/2010 mill-kumpanija konvenuta Alfa Co Ltd kontra l-kumpanija esponenti u jew il-mod abbużiv, illegali u malizzjuż illi bih ġie esegwit, kif wkoll bil-fatt illi l-istess kumpanija konvenuta Alfa Co Ltd inkarigat bħala kunsinnatarju persuna mhux ta' ħila, il-kumpanija konvenuta Alfa Co Ltd ikkaġunat danni lill-kumpanija esponenti; tillikwida l-imsemmija danni u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Alfa Co Ltd tħallas lill-kumpanija esponenti is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Alpha Company Limited[1];

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' l-intimati l-oħrajn[2] fejn eċċepew illi:

1. m'humiex responsabbli għal-azzjonijiet ta' terzi ignoti li sgassaw is-siġilli tal-Qorti u serqu xi oġġetti minn ġol-*container* de quo. Il-kunsinnatarju għadu responsabbilita` ta' *bonus paterfamilias* liema responsabbilita` ma twassalx biex hu jassigura li terzi ma jisirquħx;

[1] Fol 48
[2] Fol 29

Alfa Trading Limited ħarġet mandat ta’ qbid kontra Market Handle Limited fl-ammont ta’ madwar €39,000. Is-soċjeta` intimata ġiet appuntata kunsinnatarja wara l-mandat. Irriżulta illi l-marixxal tal-Qorti li esegwixxa l-mandat, qabad oġġetti ta’ valur aktar minn dawk indikat fis-sekwestru.

Jingħad għal kull buon fini illi l-marixxal tal-Qorti jidher li għamel żewġ skorrettezzi meta esegwixxa l-mandat:

a. Illi eċċeda serjament, jekk dak allegat minn Market Handle Limited għandu xi sembjanza ta’ verita`, il-valur mitlub fil-mandat.
b. Illi mar kontra l-liġi, artikolu 293(B) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, res applikabbli l-artikolu 846(3), meta eleva oġġetti neċessarji għal professjoni tad-debitur. Il-liġi titkellem dwar dokumenti u kotba li llum jiġu estiżi loġikament għal dokumenti eletroniċi.

   Għal dawn l-iskorrettezzi ma għandhomx ibatu l-intimati.

It-*trailer* kontenenti l-oġġetti maqbuda kellu jitqiegħed post ieħor minħabba li l-MEPA irtirat *outline development permit* fuq il-fond fejn kien it-*trailer* u allura dan kellu jitmexxa f’post ieħor fejn *trailers* oħra.

Terzi mhux magħrufa sgassaw dan it-*trailer* bis-siġill tal-Qorti u serqu minnu diversi oġġetti. Dan huwa kkonfermat minn inkjesta maġisterjali. Illi r-responsabbilita` tas-soċjeta` intimata hi dik ta’ *bonus paterfamilias*, li ma testendix għal assikurazzjoni li terzi ma jaqtgħux is-siġill tal-Qorti u jisirqu xi oġġetti. Għalhekk l-intimati ma għandhomx ebda responsabbilita għall-akkadut.

2. Bla preġudizzju għal kull ċaħda ta’ responsabbilita` jiġi eċċepit illi l-valur pretiż mis-soċjeta` rikorrenti almenu kif jirriżulta fil-mandat 1006/11 hu lampantement esaġerat. Is-soċjeta` rikorrenti stqarret li naqsulha oġġetti tal-valur attwali ta’ madwar €40,000 iżda għamlet mandat kontra is-soċjeta` rikorrenti għal ammont ta’ €450,000 billi qed tippretendi li tilfet xi xogħol u informazzjoni li kellha fuq il-*kompjuters* misruqa,

Illi tali pretensjoni hi inveritiera u rriżorja. Dan peress illi:

a. Is-soċjeta` rikorrenti jidher li baqgħet taħdem wara id-data tal-elevazzjoni, u dan juri li mhux veru li tilfet xi informazzjoni.
b. Illi is-soċjeta` rikorrenti lanqas biss kellha biex tħallas lil min isupliha bl-għamara tal-uffiċċju, aħseb u ara kemm kellha informazzjoni ta' klijenti ta' valur tant inġenti.
c. Illi is-soċjeta` rikorrenti kienet ilha li bdiet taħdem ftit xhur biss u mhux verosimili li kellha xi volum ta' xogħol.
d. Illi bonus paterfamilias mhux biss iżomm *backup* tal-informazzjoni kollha fuq il-*kompjuters* kif suppost imma wkoll iżomm tali *backup* f'post sikur u mhux fuq il-post tax-xogħol. Illi għalhekk żgur illi is-soċjeta` kellha backup ta' kull dokument fil-*kompjuters*, u jekk le hemm kontributorjeta assoluta fin-negligenza tal-istess soċjeta` għal kwalunkwe Danni.
e. Illi l-ammont mitlub hu irriżorju u jidher li l-awment esponenzjali qed isir b'motivi ferm suspetti.

Illi tali mandat ta' sekwestru ikkaġuna danni serji lis-soċjeta` intimata u qiegħed jipperikola li din ma tistax tkompli bl-attivita` tagħha u ser titlef klienti u jkollha tiddikjara għexieren ta' impjegati bħala *redundant* u is-soċjeta` intimata diġa` ppreżentat ċitazzjoni għad-danni kontra is-soċjeta` rikorrenti.

3. Kwantu għal eċċipjenti Elaine Sant Galea din ma hijiex rappreżentanti tas-soċjeta` intimata imma sempliċiment tiddeputizza għal Managing Director tas-soċjeta` meta dan ma jkunx presenti, Għalhekk hija ma għandha ebda responsabbilita f'din il-materja.

Rat ir-rikors tal-attriċi tal-15 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu talbet it-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-konvenuti Fahrenheit u Sant Galea fit-13 ta' Settembru 2011;

Rat id-Digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2012[3] li permezz tiegħu ċaħdet it-talba msemmija;

[3] fol s63

Rat illi fil-mori tal-kawża, il-kumpanija attriċi permezz ta' **nota ta' ċessjoni**[4] ċediet il-kawża fil-konfront tal-kumpanija konvenuta Fahrenheit Freight Forwarders Co.Limited u l-konvenuta Eliane Sant Galea u b'hekk ċediet l-ewwel tlett talbiet tagħha kif ukoll dik il-parti tar-raba' talba illi għandha x'taqsam mal-ħatra tal-kumpanija konvenuta Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited da parti tal-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited u l-espletar tal-istess inkarigu. Iktar tard il-kumpanija attriċi ċediet ukoll[5] dik il-parti tar-raba talba illi permezz tagħha dina l-Qorti kienet intalbet tillikwida d-danni u tikkundanna lil-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited tħallas tali danni;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, l-atti kollha tal-każ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija attriċi Market Handle Limited datata 15 ta' Mejju 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Alfa Trading Company Limited datata 31 t'Awissu 2018;

**Ikkunsidrat:**

**II. Il-fatti**

Illi din il-kawża sfat quddiem din il-Qorti peress illi fid-29 ta' Ottubru, 2010, il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju (1674/2010) kontra l-kumpanija attriċi Market Handle Limited għas-somma ta' tmienja u tletin Ewro, seba' mija u erbgħa u sittin Ewro u tnejn u ħamsin ċentezmu (€38,764.52) wara li l-kumpanija attriċi xtrat xi mobbli u oġġetti oħra għall-uffiċċju tagħha mingħand l-istess Alfa Company Limited iżda ma kinitx ħallset dak kollu dovut minnha u kien baqa' xi bilanċ pendenti fuq l-imsemmija mobbli. Sussegwentament għal dan il-mandat, il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited fis-16 ta' Novembru 2010

[4] fol 194
[5] fol 217

(1183/2010) fetħet kawża bil-giljottina (1183/2010CFS) fejn talbet il-kanonizzazzjoni tal-kreditu dovut;

Illi fis-16 ta' Dicembru 2010 permezz tal-Marixxall tal-Qorti, gie eżegwit il-mandat ta' qbid kawtelatorju suriferit u kienet saret lista tal-oġġetti li jinsabu fl-uffiċċju tal-attriċi iżda l-elevazzjoni ma seħħitx dakinhar għaliex Alfa Company Limited ddeċidiet illi *ttihom chance sabiex jirregolaw ruhom*[6]. Għalhekk dak inhar kienet saret biss l-elenku tal-oġġetti li jinsabu fl-uffiċċju tal-attriċi u li eventwalment kienu se jiġu elevati qabel ma l-konvenuta Alfa iddeċidiet illi tagħti ftit aktar żmien lil attriċi sabiex tħallas dak li hu dovut minnha. F'din il-lista kien hemm elenkati ukoll l-*kompjuters* u t-tagħmir elettroniku kollu;

Illi fid-19 ta' Jannar 2011 waqt l-ewwel udjenza tal-kawża 1183/2010, il-Qorti ppermettiet lil Market Handle tippreżenta t-tweġibha tagħha sabiex tikkontesta l-proċedura tal-giljottina. L-għada, il-kumpanija konvenuta eżegwiet il-mandat ta' qbid kawtelatorju u elevat l-oġġetti kollha li kienu jinstabu fl-uffiċċju tal-attriċi inkluż il-*kompjuters* u *servers* li kellhom l-informazzjoni kollha bżonnjuża għal-kumpanija u li l-attriċi kellha bżonn biex tkompli topera, *għajr għal xi bozoz imwaħħlin mas-saqaf*[7]. L-oġġetti maqbuda kellhom jinżammu mill-kumpanija Fahrenheit Freiġht Forwarders Co.Limited ġewwa fond f'H'Attard;

Illi l-attriċi issostni illi l-elevazzjoni tal-oġġetti permezz tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju sar b'mod abbużiv, illegali u malizzjuż u dan għaliex l-elevazzjoni saret bħal att ta' ritaljazzjoni wara li ġurnata qabel l-elevezzjoni, l-attriċi ingħatat il-fakulta li tikkontesta l-kawża mibdija min Alfa permezz ta' proċedura bil-giljottina. Kien propju għalhekk illi l-attriċi fethet din il-kawża. L-attriċi tkompli tgħid illi hija ġja`b kienet ħallset in parti tal-oġġetti illi kienet xtrat minngħand Alfa iżda xorta waħda ġew elevati l-oġġetti kollha li kienu fl-uffiċċju tal-attriċi inklużi dawk illi ma kienux ġew mixtrija mingħand Alfa għaliex ġew elevati *kompjuters, servers* u tagħmir elettroniku illi kienu jservu bħala għodda għax-xogħol tal-attriċi. Konsegwenza t'hekk, l-attriċi tilfet l-uffiċċju li kienet kriet u l-impjegati tagħha u ma setgħetx tkompli topera fil-qasam tagħha;

[6] Affidavit ta' Donald Micallef a fol 79.
[7] *Ibid.*

Illi għalhekk fit-22 ta Marzu 2011 u cioe' xaharejn wara li seħħet l-elevazzjoni tal-mobbli, permezz ta' rikors (293/2011/CFS)[8] fil-kawża Alfa Company Limited vs Market Handel Limited, l-attriċi tablet lil Qorti sabiex il-mandat ta' qbid kawtelatorju su riferit, jiġi revokat in parti għal dawk il-mobbli li ma kienux mixtrija mingħand il-konvenuta ai termini tal-Artiklu 293 (b) ta-Kap 12. Apparti minn hekk, l-attriċi irribadiet illi t-talba ta' Alfa Company Limited diġa` kienet ikkawtelata peress illi kien sar ħlas akkont u għalhekk il-mandat ma kellux jibqa' in seħħ fl-intier tiegħu ai termini tal-Artikolu 836(8). Il-kumpanija konvenuta Alfa Company Limited assenjat il-ħtija lil Marixxall tal-Qorti u qalet illi kienu ġew elevati oġġetti neċessarji għal-professjoni tad-debitur u li l-Marixxall tal-Qorti eċċeda serjament il-valur mitlub fil-mandat;

Illi fil-mori ta' dan ir-rikors, il-partijiet laħqu ftehim fis-sens illi Alfa Company Limited kellha tieħu lura dawk l-oġġetti kollha illi biegħet lil attriċi u ma jittiehidx in konsiderazzjoni illi diġa` kienet irċiviet ħlas akkont. L-attriċi kellha tagħmel tajjeb għal-ispejjeż jew bi flus jew billi Alfa Company Limited tieħu għamara żejda oltre' dak illi kienet biegħet lil attriċi. Infatti kien sar verbal f'dan is-sens fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2011.[9] Wara dan il-ftheim, din il-kawża kienet tħalliet għaċ-ċessjoni skond l-imsemmi verbal u l-attriċi kienet ċediet l-imsemmi rikors ta' revoka in parti tal-mandat ta' qbid kawtelatorju.[10] Il-konvenuta Alfa kellha tirtira l-oġġetti mifthema mingħand il-konsennatraja Fahrenheit Freigħt Forwarders Co Limited;

Illi l-kumpanija Fahrenheight Freigħt Forwarders Co.Limited li kienet il-kunsinnatarju ċaqalqet l-oġġetti li kienu ġew elevati permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju minn ġewwa H'Attard għal ġo *trailer* ġewwa sit f'Has Saptan f'Ħal Far mingħjar ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti. Eventwalment l-oġġetti ġew misruqa għajr għal dawk l-oġġetti li kienu jmissu lil Alfa Company Limited;

## III. Kunsiderazzjonijiet

[8] fol 289.
[9] fol 311.
[10] fol 317.

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni illi l-oġġetti kollha illi kienu jinsabu fl-uffiċċju tal-attriċi ġew elevati inkluż kompjuters u tagħmir iehor li kienu jservu sabiex l-istess kumpanija tkun tista topera;

Illi l-kumpanija attriċi issostni illi l-mandat *de quo* ġie eżegwit b'mod abbużiv, illegali u malizzjuż għal żewġt raġunijiet:

(i) L-elevazzjoni saret bħala att ta' ritaljazzjoni minħabba l-fatt illi l-kumpanija attriċi ingħatat il-fakulta li tikkontesta l-kawża mibdija kontra tagħha permezz tal-proċedura ta' giljottina minn kumpanija konvenuta Alfa Company Limited. Apparti minn hekk il-kumpanija konvenuta kienet tħallset gia in parti għal-oġġetti mibjugħa lil attriċi u meta eżegwit il-mandat ta' qbid kawtelatorju fuq l-oġġetti mobbli kollha juri li l-mandat ġie maħruġ u eżegwit b'mod abbużiv, illegali u malizzjuż.

(ii) Il-kumpanija konvenuta Alfa elevat l-oġġetti kollha tal-attriċi bi ksur tal-Artikolu 293 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**III (i) Abbuż tad-dritt**

Illi s-soċjeta` attriċi qiegħdha titlob lil din il-Qorti biex tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas danni allegatament sofferti mill-attriċi bħala konsegwenza li l-konvenuta għażlet li teżerċita d-dritt tagħha li titlob u tiskeb il-ħruġ ta' mandat ta' qbid. Issa huwa prinċipju sagrosant li min juża' dritt li għandu, qatt ma jista' jkun passibbli għad-danni li jista' jikkawża fl-eżercizzju tad-dritt tieghu: *qui suo iure utitur non videtur damnum facere.* L-attriċi pero' qegħda tistieden lil din il-Qorti biex tapplika t-teorija opposta għal din l-aforiżma, ċjoe` dik ferm dibattuta tal-abbuż tad-dritt, li skontha li l-ebda dritt mogħti mil-liġi ma huwa assolut imma ċirkoskritt b'diversi modi kemm socjali kif ukoll morali. Jingħad minn uħud li dritt eżerċitat barra mill-konfini ta' dawn il-parametri isir abbuż u allura illegali;

Illi filwaqt li l-aforiżma li għadha kif issemmiet _għandha għeruq antiki u stabbiliti, il-formula *abbuż tad-dritt* fl-esperjenza kontinentali għandha ħajja relattivament ferm qasira ta' inqas minn seklu. Sa minn meta tfaċċat, kellha rejazzjonijiet mill-aktar varjati:

kien hemm min eżaltaha b'toni mistiċi; u kien hemm oħrajn li kkritikawha bl-iktar mod aħrax b'espressjonijiet ta' preokkupazzjoni u ta' biża'. Kultant din il-formola dehret il-mezz l-iktar sod u orginali biex jiġi miksub kriterju tal-leġittimita` formali tal-atti umani; drabi oħra dehret bhala t-theddida l-iktar perikoluża għaċ-ċertezza tal-ligi;

Illi jgħid a propożitu **Pietro Rescigno**, fl-opra tieghu ***L'Abuso del Diritto*** *(Mulino. 1998):*

> *Analizzata nelle parole che la compongono – abuso, diritto – la formola senza dubbio si presenta, alla prima impressione, intimamente contradittoria. Diritto (piu` esattamente, il diritto soggettivo) vuol dire liberta` garantita all'individuo, o a un gruppo privato, da una norma giuridica: vuol dire potere di volonta` e di azione che la norma concede al soggetto, o al gruppo, nei confronti di uno, o di piu`, o di tutti gli altri soggetti dell'ordinamento. Quando si parla di abuso, di possibilita` di abuso del diritto, si viene a dire che l'esercizio di questa liberta garantita dalla norma, del potere accordato dalla legge, puo dar luogo a responsabilita`, onde un atto lecito – l'esercizio del diritto – diviene fonte di responsabilita'. Significa sottindere alla liberta' ed al potere un limite, ed il limite, la misura sembrano vaghi e sfuggenti*;

Illi d-dottrina li tiċħad il-problema "ġuridika" tal-abbuż tinsisti fuq l-inkompatibilita` taż-żewġ espressjonijiet "abbuż" u "dritt" li jinstabu flimkien fil-formola "abbuż tad-dritt"; tiċħad is-sitwazzjoni ta' "konflitt ta' drittijiet" li hija l-bażi tal-premessa tal-abbuż; u tara kontradizzjoni loġika insuperabbli fi-pretiża "relattivita` tad-drittijiet" (**Fabricius, *Relativitat der Rechstfahigkeit***, Munchen-Berlin 1963)'. Tabilħaqq, l-abbuż tad-dritt huwa fenominu socjali, imma skond l-istess duttrina, dan definittivament ma jappartjenix għar-realta` ġuridika pożittiva;

Illi l-kunċett ta' abbuż tad-dritt twieled fl-ambitu tar-reġim liberali tas-seklu dsatax. Fil-kodiċijiet tal-Ewropa kontenentali, il-kodiċijiet tad-dritt privat li saru wara l-kodiċi ta' Napuljun (l-ewwel fosthom il-kodiċi Tedesk u l-kodiċi Svizzeru) introduċew id-divjet espress ma jeżistix fil-kodiċijiet ta' Napuljun u tal-ewwel kodiċi tal-proċedura tal-Italja fejn ir-reviżjoni tal-kunċett tad-dritt soġġettiv u l-iżvilupp tal-kunċett ta' abbuż tad-dritt huma r-riżultat ta' proċess kritiku esegwit min-naħa ta' ġewwa tas-sistema mill-prattika u mid-dottrina. Fil-Kodiċi Ċivili Malti, insibu dan il-kunċett b'mod espress fl-artiklu

1030 tieghu: *kull min jaghmel użu ta' jedd tiegħu* ***fil-gies li jmiss*** *ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.* Sfortunatament fil-Commenti e Fonti All'Ordinanza VII del 1868, il-*conditor* tal-Kodiċi Ċivili, Sir Adrian Dingli, ma jikxifx is-sors li fuqu bbaża din in-norma;

Illi l-Qrati tagħna **ma sabux abbuż fil-fatt waħdu li l-mandat iħalli effetti drastiċi fuq l-eżekutat**:

> "Illi s-soċjetà intimata ssostni li 'dan il-mandat qiegħed letteralment jaqtalha saqajha u ma jippermettiliex li topera *stante* li ma tistax tħallas lill-impjegati tagħha, l-kera għall-fond minn fejn topera u d-diversi spejjeż operattivi tagħha';
>
> "Illi kieku s-soċjetà intimata osservat l-obbligi tagħha ma kienx ikun hemm bżonn li jinħareġ dan il-mandat, li wara kollox kellu jinħareġ għaliex l-esponent ma felaħx aktar isofri preġudizzju, liema preġudizzju kkawżalu, u għadu qed jikkawżalu, danni;
>
> "Illi f'dan il-kuntest, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] kienet ferm ċara u saħqet li hu minnu li mandat ikollu effetti drastiċi u dan proprju għax il-Qorti "... ma tistax tinsa għalkollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma' kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qiegħda tbati"[12];

Illi f'tema ta' mandati kawtelatorji, il-ġurisprudenza tagħna identifikat l-abbuż f'każijiet ta' **mala fede, vessatorjeta` u negliġenza grossolana**. L-artiklu 836(9) tal-kodiċi ritwali, introdott bl-emendi tal-1995, ikkodifika w applika l-prinċipji elenkati fil-ġurisprudenza ta' qabel in materja, dwar l-eżerċitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara l-ħruġ

---

[11] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Tereza Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart, 29 ta' Lulju, 2005

[12] James Hawkins v Seasus Limited 08.10.2015 Prim'Awla, sedenti l-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff

ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess raġunijiet hemm elenkati fl-istess **artikolu 836,** fejn l-azzjoni in ġenerali tista' tirnexxi;

Illi l-pożizzjoni dwar kawża ta' danni b'konsegwenza diretta ta' ntavolar ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-każ mandat ta' inibizzjoni) kienet ġiet ikkristallizzata saħansitra qabel l-emendi tal-1995 fil-kawża fl-ismijiet **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri**[13] **kif ġej** :-

a. Huwa prinċipju fondamentali illi min jdritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli għall-hsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddiehor, in omaġġ għall-massima *qui suo iure utitur, non videtur damnum facere,* bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżercizzju tiegħu miċ-ċittadin m'għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel.

b. Tali dritt m'għandux jigi abbużat.

ċ. Il-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser li bilfors sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. *"Non e` in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale, il riconoscimento, sebbene non vi riesca".*[14] Dan ghaliex għalkemm il-ligi hija l-istess għal kullħadd, huwa veru ukoll li l-liġi hija soġġetta għal diversi nterpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u jiddeċiedi dwarhom.

d. Tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta`[15] li tkun ġejja mil-*mala fede* jew *dolo* jew għallinqas negliġenza gravament kolpuża[16], fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbażah fuq ċirkostanzi manifestament *"priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore*

---

[13] Prim'Awla, 10.01.1992, per Imħallef J.Said Pullicino
[14] **Demajo v Page** – 24.01.1895 Prim'Awla, Kollez. Vol. XV.34
[15] **Emmanuele Calleja v Carmelo Grima** - Qorti tal-Appell – Kollez. Vol. XXXIX.i.24)
[16] **Agius v Carbone** — 10.4.1890 – Kollez. Vol. XIII.434

*nelle lite".*[17] *"Chi agisce in ala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo` essere condannato a pagare un'indemnita` al suo avversario"*; [18]

Illi fost raġunijiet oħrajn li jelenka l-Artiklu 836(9) hemm dik li "(d)… t-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja". Ċirkostanzi dawn li huma kwistjoni ta' fatt li jrid jiġi evaluwat skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ;

Illi l-Qrati tagħna qiesu bħala abbuż meta mandat kawtelatorju jintalab **mhux biex jiġi kkawtelat dritt, imma sempliċiment bħala rikatt biex l-eżekutat iċedi għar-rieda tal-eżekutant** taħt il-piż li jġib miegħu il-mandat: "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (*arm twisting*) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[19] Fi kliem ieħor, ħadd ma jista' jeżerċita dritt b'kuntrast mal-iskop li għalih ikun twaqqaf mil-leġislatur;

Illi forma oħra t'abbuż fl-eżerċizzju tal-atti kawtelatorji ġie identifikat mid-duttrina Taljana[20] meta l-mandat ikun sar speċifikament u esklussivament bl-iskop li jagħmel ħsara lill-eżekutat mingħajr ma jkun sejjer jieħu l-ebda vantaġġ u l-ebda utilita` konkreta;

Illi huwa proprju dan li qiegħed isostni s-soċjeta` attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. B'danakollu, ma jirriżultax li ressqet provi konvinċenti in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Ma jirriżultax li s-soċjeta` konvenuta ma kellhiex ħtieġa li tikkawtela l-kreditu tagħha permezz tal-ħruġ tal-mandat in kwistjoni; anzi għall-kuntrarju ċ-ċirkostanzi finanzjarji prekarji li jidher li s-soċjeta` attriċi sabet ruħha fihom kienu altru milli jiġġustifikaw il-biża' li l-kreditu in kwistjoni kien fil-periklu li jiġi eluż;

---

[17] **Mugliette v Bezzina** – Kollez. Vol. XXVI.i.405

[18] Baudry – Lacantinerie – ***Trattato Prattico di Diritto Civile*** – *Delle Obligazioni* – Vol. VI paġna 560.

[19] Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti, P.A., 18.07.2008.

[20] Cfr. G. Chinè, M. Fratini, A. Zoppini, *Manuale di diritto civile,* IX edizione, 2017/2018, Nel diritto Editore, Molfetta, 2017 p.796.

Illi għall-kuntrarju jidher li  fl-eżekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni, is-soċjeta` konvenuta Alfa Company Limited imxiet b'kawtela u prudenza. Fis-16 ta' Dicembru 2010 tat opportunita` oħra biex jintlaħaq ftehim mal-attriċi u għalhekk ma saritx mill-ewwel l-elevazzjoni tal-oġġetti suġġetti għal-mandat ta' qbid kawtelatorju. Kieku l-uniku oġġettiv tagħha kien li tpoġġi lill-attriċi fi stat li ma setgħetx topera aktar kienet televa l-oġġetti dak inhar stess kif kellha kull dritt li tagħmel;

**III (ii)  Ksur tal-Artikolu 293 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi skont dan l-Artiklu, mhumiex soġġetti għal-qbid il-magni u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew l-eżerċizzju ta' xi xjenza jew xi arti tad-debitur.

Illi a min jinnota illi f'Diċembru 2010 kien hemm lista sħiħa mhejjija mill-Marixxall tal-Qorti meta ġie eżegwit il-mandat tal-Qbid kawtelatorju li kienet tinkludi l-kompjuters u t-tagħmir li l-attriċi kellha bżonn għal-prosegwiment tax-xogħol tagħha. L-attriċi fl-ebda mument ma nterpellat illi dawn l-oġġetti huma bżonjużi għax-xogħol tagħha. Meta eventwalemnt saret l-elevazzjoni, l-attriċi baqgħet siekta ukoll dwar t-tagħmir ellettroniku li kellha bżonn. L-elevazzjoni saret fl-20 ta' Jannar 2011 u r-rikors biex il-mandat jiġi revokat in parti sar fit-22 ta' Marzu 2011 u cioe xahrejn wara li saret l-elevazzjoni tal-oġġetti. Irid jingħad ukoll illi l-attriċi kienet ċediet tali rikors għax kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet;

**III(ii)(a)** testi tal-liġi preżenti u ta'qabel

Illi Artiklu 293(1) tal-kodiċi ritwali jagħti lista ta' oġġetti li ma jistgħux ikunu soġġetti għal qbid, fosthom:

> "(*d*)  il-magni u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew l-eżerċizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur, tal-konjuġi tiegħu jew tat-tfal tiegħu;
>
> "(*e*)  il-bhejjem u l-għodod meħtieġa għall-biedja u xi frott kemm jekk imqaċċta

jew mhux imqaċċta mill-art";

L-artiklu msemmi ġie emendat diversi drabi, iżda l-parti korrispondenti tiegħu baqgħet sostanzjalment l-istess[21] u kienet taqra hekk:

> "4. Le macchine e gli strumenti necessari per la struzione o per l'esercizio delle scienze e delle arti, del debitore o de'suoi figli;
>
> "5. gli animali e gli stigli necessari all'agricoltura…"

Din in-norma proċedurali għandha l-għeruq tagħha fil-leġislazzjoni anterjuri[22]:

> "Per debiti civili resta vietato a' creditori d'esperire i loro diritti ed azioni sugli stigli d'agricoltura e bovi d'arare, sugli stigli delle altre arti e mestieri…";

III (ii)(b): **<u>it-test preżenti huwa iktar restrittiv minn dak tal-liġi anterjuri</u>**

Illi l-imħallef Paolo De Bono, f'sentenza antika[23], josserva li d-disposizzjoni fil-**liġi l-ġdida hija iktar ristrettiva minn dik tal-liġi l-antika**: "Il Codice vigente nel succitato numero 4 dell'articolo 331, parla degli strumenti necessari per l'esercizio delle *scienze* e delle *arti*, **e omette i *mestieri*[24]".** Għall-eżattezza, filwaqt li l-liġi l-antika kienet tirreferi għal *arti e mestieri* l-liġi l-ġdida tirreferi għal *scienze* u *arti*;

III(ii)(ċ): **<u>l-eżenzjonijiet mill-qbid huma eċċezzjonali u allura għandhom jiġu nterpretati b'mod restrittiv u litterali</u>**

Illi l-istess imħallef irrimarka li "Che anzi tutto questo articolo forma un'eccezione alla regola generale che chiunque si sia obbligato personalmente e` tenuto di adempiere le sue obbligazioni con tutti i suoi beni presenti e future (Ordinanza No VII del 1868, articolo 1763), e quindi non puo` essere esteso oltre i casi che vi sono espressi[25]. Il-prinċipju tal-

---

[21] Art. 331 tal-Ordinanza VI.1855
[22] **Kodiċi De Rohan**, para XXIV, Lib. II, Cap.III
[23] Sceberras v Pace Balzan 24.08.1899, Corte di Commercio, Imħ. Paolo De Bono XVII.iii.39
[24] enfasi miżjuda minn din il-Qorti
[25] Sceberras v Pace Balzan 24.08.1899, Corte di Commercio, Imħ. Paolo De Bono XVII.iii.39

interpretazzjoni restrittiva kien applikabbli anke għal-liġi l-antika. "Infatti, meta xi ġudikanti ta' allura bdew jestendu s-sinifikat ta' dawn il-kliem, il-Gran Mastru ħareġ il-Bandu tas-26 ta' Settembru 1787[26] li bih ilmenta minn din l-interpretazzjoni estensiva, u ordna li l-liġi tiġi applikata letteralment, bla estensjoni".[27] "Trattandosi ta' privileġġ, hu obbligu tat-tribunal li japplika l-liġi fis-sens letterali, b'effett restrittiv (Appell, *Cachia vs. Barbara* 21 ta' Frar 1896, Vol XV, p.403);

Illi kif tajjeb inghad fis-sentenza aktar ricenti fl-ismijiet '**Catherine Scicluna pro et noe v Direttur tas-Sigurta` Soċjali'** deċiża nhar il-31 ta' Jannar 2001:

"Illi din il-Qorti tħoss li dan l-artikolu għandu jigi interpretat b'mod restrittiv. Dan ma jfissirx li ma jiġux kunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u n-neċessitajiet għall-għixien diċenti ta' dak li jkun. Pero` jrid ikun hemm bilanċ bejn id-diffikultajiet tad-debitur u min-naħa l-oħra li l-kreditur għandu jitħallas dak li hu dovut lilu, għaliex fin-nuqqas ta' dan tkun qed isir nuqqas ta' ġustizzja kontra l-kreditur";

III(ii)(d): **ma tistax issir estenzjoni tal-eżenzjonijiet abbażi tal-ekwita`**

Illi l-eżenzjoni mill-qbid ma tistax tiġi estiża abbażi tal-kunsiderazzjoni li "l-ekwita` trid li jitħallew lil kull debitur il-mezzi biex jaqla' x'jiekol"[28]:

> "Che in vano si obietterebbe, come pur fu fatto contro la sentenza della Corte di Tolosa, che la equita` comanda che si lascino a qualunque debitore i mezzi di guadagnare da vivere, e che non e` spediente ingombrare la societa` di poveri; perche` l'obiezione, qual che ne sia la forza, andrebbe fatta alla legge e non allo interprete;[29]

---

[26] Il-Bandu ġie ċċitat *verbatim* mill-Qorti tal-Appell in re: *Cachia v Barbara* 21.02.1896:
'Pervenuto in notizia di S.A.S. Regante che sotto il nome di stigli dell'arte e mestieri, di cui si fa menzione nel para. 24, lib. 2, e cap 3 del Diritto Municipale siano stati malamente compresi le greggi, gli *animali da soma di trasporto, calessi e carrettoni,* pretendendosi che questi siano stigli, e come tali non possono per debiti civili essere elevati e venduti in subasta, ha ordinato ed ordina che tale estensione, come abusiva ed affatto contraria alla lettera ed allo spirito dello statuto, non possa piu` allegarsi in giudizio, ed allegandosi, che sia rigettata, volendo che detto statuto sia osservato nei casi in quello disposti, e secondo la sua sana e ragionevole intelligenza".
[27] Vincenzo Navarro Cutajar v Emmanuela Schembri 12.12.1952 Qorti tal-Appell XXXVI.i.365
[28] Vincenzo Navarro Cutajar v Emmanuela Schembri 12.12.1952 Qorti tal-Appell XXXVI.i.365
[29] Sceberras v Pace Balzan 24.08.1899, Corte di Commercio, Imħ. Paolo De Bono XVII.iii.39

III(ii)(e): **<u>il-kelma 'arti' tkopri l-artiġġjanat (e.g. furnar, mastruxaxxa) iżda mhux għal tipi ta' xogħol ieħor bħal kuċċier.</u>**

Illi b'applikazzjoni tal-interpretazzjoni restrittiva, l-imħallef Paolo Debono kkonkluda li (i) kuċċier ma kienx eżentat minn mandat ta' qbid, għax kien jeżerċita *mestiere* u mhux *arte* u li (ii) żiemel, karozzin u l-aċċessorji tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala għodda:

> "Che l'attore stesso ammette di essere vetturino; il suo dunque e` un mestiere e non un'arte, perche` l'arte anche mecchanica vuole sempre l'esercizio di una parte dell'ingegno. Molto impropriamente poi si direbbero *strumenti* un cavallo, una vettura e i rispettivi finimenti;
>
> "Che cio` si rafferma, ponendo mente alla disposizione del numero 5 dello stesso articolo 331. Il quale, dichiarando non soggetti ad elevazione "gli animali e gli *stigli* (parole che nel dialetto siciliano, donde venne a noi, significa *strumenti*) necessari all'agricoltura", mostra di non comprendere ne` questa fra le arti ne gli animali fra gli strumenti; perche` diversamente la disposizione del no 5 dell'articolo 331 sarebbe viziosamente superflua come compresa in quella del precedente numero 4. Si conferma ancora col raffronto del precedente atto legislativo. Il Codice de Rohan, infatti, vietava a'creditori "di esperire i loro diritti e azioni sugli stigli d'agricoltura e bovi d'arare, sugli stigli delle altre arti e mestieri (lib.2 cap. 3 para 24); ed il bando del 26 novembre 1787, autoritativamente interpretando quella disposizione, ordino` che le greggi e gli animali da soma di trasporto, i calessi e i carettoni dovessero andare compresi fra gli *stigli* delle arti e dei mestieri. Il Codice vigente nel succitato numero 4 dell'articolo 331, parla degli strumenti necessari per l'esercizio delle *scienze* e delle *arti*, e omette i *mestieri*;
>
> "Che per le stesse considerazioni la nostra Corte d'Appello, con la sentenza del 21 febbraio 1896 (Collez. XV, 403) decise essere soggetti ad elevazione il mulo ed il carro di un carrettiere. E la Corte di Tolosa, con la sentenza del 14 dicembre 1818 riferita dal Scialoja nel *Commentario del Codice di Procedura Civile* (Vol VII pag 148, ediz. del 1879), interpretando il numero 6 dell'articolo 592 del Codice di procedura francese, secondo cui non si possono pignorare gli strumenti degli artiġiani necessari al loro lavoro personale, decise non doversi comprendere il

cavallo e la carretta di un vetturino, perche` ne` il vetturino e` un artiġiano ne` la carretta e` uno strumento"[30];

Illi *typewriter*, skrivanija, pultruna tal-iskrivanija, *electric table lamp*, xkafef għall-kampjunarji ta' *commission agent* setgħu jiġu maqbuda, għaliex "l-attur la huwa xjenzjat u lanqas artista, u wisq improprjament ġew imsejjħin strumenti l-oġġetti fuq indikati."[31]

Illi kif ġie deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **'Azzopardi vs Spiteri',** deciza fis-7 ta' Marzu 1951, "il-kelma arti użata fil-liġi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejħu '*belle arti*' imma anke l-arti mekkaniċi u industrijali u għalhekk hu protett b'dik id-disposizjoni (ġja` artikolu 304) tant l-'artista' kemm l-'artiġjan'. L-oġġetti esklużi jridu jkunu skond ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-kawza '**Serra vs Grech'** deċiż fit-12 ta' Dicembru 1938 mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur izda jridu jkunu mezzi indispensabbli għall-għexien tad-debitur. A bażi ta' dawn il-prinċipji, l- istess Onorabbli Qorti tal-Kummerċ b'sentenza mogħtija fil-11 ta' April 1986 fil-kawża fl-ismijiet '**Scicluna vs Valenzia'** kienet iddeċidiet li l-għodda ta' mastrudaxxa ma jistgħux jinqabdu";

Illi skond il-Maltese – English Dictionary ta' Joseph Aquilina il-kelma arti hija mfissra bħala "*art, skill, craftsmanship*". F'sentenza li ddeċiet li jaqgħu taħt l-eżenzjoni magna li tagħġen u ħmar li jdawwarha, użati minn furnar, jaqgħu taħt l-eżenzjoni, intqal illi:

"Attesocche` il vocabolo arte adoperato nel detto articolo quarto non si riferisce soltanto alle arti liberali ed alle belle arti, ma a tutte le arti anche industriali e meccaniche, comprendendo il detto vocabolo nel suo senso lato anche i mestieri, dal quale procede quello di artista applicabile a chi e` addetto ad opere d'ingegno, e l'altro di artiġiano a chi e` addetto a lavori meccanici e manuali, giacche` lo spirito della legge e` quello di non privare il debitore dei mezzi di sussistenza per se e per i suoi figli"[32];

III(ii)(f): **ma taqax taħt l-eżenzjoni attivita` kummerċjali**

[30] għall-istess konklużjoni waslet il-Qorti tal-Appell in re: *Cachia vs. Barbara* 21.02.1896 - Vol XV, p.403
[31] Vincenzo Navarro Cutajar v Emmanuela Schembri 12.12.1952 Qorti tal-Appell XXXVI.i.365
[32] Giuseppe Cauchi v Carmelo Scicluna 05.08.1894 Corte di Commercio di Sua Maesta` X.546

Illi din il-Qorti ippreseduta mill-kompjant Imħallef J.R. Pace, fis-sentenza fl-ismijiet '**Attard Blue Mix Concrete Supplies Companu Limited v Pilastri Construction Limited'** deċiża nhar it-12 ta' Lulju 2001 iddeċidiet li nħareġ validament mandat ta' qbid fuq *crane* li kien meħtieġ għax-xogħol ta' soċjeta` ` kummerċjali li kienet tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni:

> "Illi għalhekk il-konklużjoni logika tal-istess interpretazzjoni hija li dak li qed jiġi protett huma dawk l-oġġetti neċessarji ghall-istruzzjoni u eżerċizzju tax-xjenza u arti u mhux l-għodda anke jekk neċessarji għax-xogħol u għall-eżerċizzju tal-kummerċ jew attivita` kummerċjali tad-debitur, f'dan il-każ kumpanija li hija involuta f'xoghol jew produzzjoni tal-materjal għall-kostruzzjoni jew aċċessorju għal tali attivita`.
>
> "Illi ċertament li taħt dan l-aspett *crane* lanqas jikkwalifika bħala magna neċessarja għall-ezercizzju tal-arti, iġġebbed kemm iġġebbed is-sinfikat tal-kelma *arti".*

Illi l-istess irraġunat din il-Qorti ippreseduta mill-Onor Imhallef Lorraine Schembri Orland[33]: -

> "Tajjeb li jigi osservat li l-artikolu 293 gie sostitwit in toto bl-Att XII tas- sena 2009 izda d-dicitura ma ntmissitx. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kliem "xjenza jew arti", ma jistgħux jikkomprendu attivita` mprenditorjali."

III(ii)(ġ): **<u>tifsira tal-kliem *magna* u *għodda*</u>**

> "Bil-kelma *magna* l-liġi ntendiet, kif ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *Hyżler vs Mifsud,* 29 ta' Nov. 1886, u l-Qorti tal-Kummerċ *Dante Cartellini v Berger*, 17 ta' Jannar 1929 – Vol XI, p. 204, u Vol. XXVII.iii.431 – 'un congengo per mezzo del quale si puo` mettere in opera la forza a produrre o regolare il moto'.

---

[33] 30.11.2013 (Rikors Numru 1109/2013) Marquita Sheheain Azzopardi as W.Gees Chemicals Limited

Bil-kelma *għodda* indendiet ‘qualunque arnese che serve agli artefici, e col quale e per mezzo del quale si fa una cosa.’”[34]

**IV. *Decide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi r-rikors billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel tlett talbiet u tiċħad ir-raba’ talba tal-kumpanija attriċi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta Alfa Company Limited biss kif limitata bin-nota tal-14 ta’ Novembru 2013[35], tasjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba talba fejn din hija kontra l-konvenuti l-oħrajn; bl-ispejjez kontra s-soċjeta` attriċi nklużi dawk tad-digriet tal-12 ta’ Jannar 2012.

Onor. Grazio Mercieca
IMHALLEF

[34] Vincenzo Navarro Cutajar v Emmanuela Schembri 12.12.1952 Qorti tal-Appell XXXVI.i.365
[35] fol 217